



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.5.2023
COM(2023) 618 final

Rakkomandazzjoni għal

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-
Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 ta' Malta**

{SWD(2023) 618 final}

RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUNSILL

dwar il-Programm Nazżjonali ta' Riforma tal-2023 ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 ta' Malta

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 121(2) u 148(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar it-tiżni tas-sorveljanza ta' pożizzjonijiet ta' budget u s-sorveljanza u l-koordinazzjoni ta' politika ekonomika¹, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew,

Wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat tal-Impjiegi,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat Ekonomiku u Finanzjarju,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat tal-Protezzjoni Soċjali,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Komitat tal-Politika Ekonomika,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill², li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, daħal fis-seħħ fid-19 ta' Frar 2021. Il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza tippovdi appoġġ finanzjarju lill-Istati Membri għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti, li jinkludu impuls fiskali ffinanzjat mill-UE. F'konformità mal-prijoritajiet tas-Semestru Ewropew, hija tikkontribwixxi għall-irkupru ekonomiku u soċjali u għall-implimentazzjoni ta' riformi u investimenti sostenibbli, b'mod partikolari biex tippromwovi t-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u tagħmel l-ekonomiji tal-Istati Membri aktar reżiljenti. Tgħin ukoll biex issaħħaħ il-finanzi pubbliċi u tagħti spinta lit-tkabbir u l-ħolqien tal-impjiegi fuq terminu medju u twil, ittejjeb il-koeżjoni territorjali fl-UE u tappoġġa t-tkomplija tal-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali. Il-kontribuzzjoni finanzjarja massima għal kull Stat Membru bil-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza ġiet aġġornata fit-30 ta' Ġunju 2022, f'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (UE) 2021/241.
- (2) Fit-22 ta' Novembru 2022, il-Kummissjoni adottat l-Istħariġ Annwali dwar it-Tkabbir Sostenibbli tal-2023³, li ta bidu għas-Semestru Ewropew tal-2023 għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika. Il-Kunsill Ewropew approva l-prijoritajiet tal-

¹ ĠU L 209, 2.8.1997, p. 1.

² Ir-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17).

³ COM(2022) 780 final.

istħarriġ madwar l-erba' dimensjonijiet tas-sostenibbiltà kompetittiva fit-23 ta' Marzu 2023. Fit-22 ta' Novembru 2022, fuq il-bażi tar-Regolament (UE) Nru 1176/2011, il-Kummissjoni adottat ukoll ir-Rapport dwar il-Mekkaniżmu ta' Twissija tal-2023, li fih hija ma identifikatx lil Malta bħala wieħed mill-Istati Membri li jista' jiġi affettwat jew li jista' jkun f'riskju li jiġi affettwat minn żbilanċi, u li għalih tkun meħtieġa analiżi fil-fond. Fl-istess data, il-Kummissjoni adottat ukoll opinjoni dwar l-abbozz ta' pjan baġitarju ta' Malta għall-2023. Il-Kummissjoni adottat ukoll rakkomandazzjoni għal rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-politika ekonomika taż-Żona tal-Euro, li l-Kunsill adotta fis-16 ta' Mejju 2023, kif ukoll il-proposta għar-Rapport Konġunt dwar l-Impjiegi tal-2023 li janalizzza l-implimentazzjoni tal-Linji Gwida dwar l-Impjiegi u l-prinċipji tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, li l-Kunsill adotta fit-13 ta' Marzu 2023.

- (3) Filwaqt li l-ekonomiji tal-UE qed juru reżiljenza notevoli, il-kuntest ġeopolitiku għad għandu impatt negattiv. Hekk kif l-UE qed tappoġġa b'mod sod lill-Ukrajna, l-aġenda tal-politika ekonomika u soċjali tal-UE hija ffukata fuq it-tnaqqis tal-impatt negattiv tax-xokkijiet tal-enerġija kemm fuq l-unitajiet domestiċi vulnerabbli kif ukoll fuq il-kumpaniji fuq terminu qasir, u fuq iż-żamma tal-isforzi biex titwettaq it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, jiġi appoġġat it-tkabbir sostenibbli u inklużiv, tiġi ssalvagwardjata l-istabbiltà makroekonomika u tiżdied ir-reżiljenza fuq terminu medju. Hija tiffoka ħafna wkoll fuq iż-żieda fil-kompetittività u l-produttività tal-UE.
- (4) Fl-1 ta' Frar 2023, il-Kummissjoni ħarġet il-Komunikazzjoni, *Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti*⁴ biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet żero netti tal-UE u tiġi appoġġata t-tranżizzjoni rapida lejn in-newtralità klimatika. Il-pjan jikkomplementa l-isforzi li għaddejjin bil-Patt Ekoloġiku Ewropew u r-REPowerEU. Huwa għandu l-għan li jipprovdi ambjent aktar ta' appoġġ biex tiżdied il-kapaċità tal-manifattura tal-UE għat-teknoloġiji u l-prodotti b'emissjonijiet żero netti meħtieġa biex jintlaħqu l-miri klimatiċi ambizzjużi tal-UE, kif ukoll li jiżgura l-aċċess għal materja prima kritika rilevanti, inkluż billi jiġi diversifikat l-akkwist, jiġu sfruttati kif xieraq ir-riżorsi ġeoloġiċi fl-Istati Membri u jiġi massimizzat ir-riċiklaġġ tal-materja prima. Il-pjan huwa msejjes fuq erba' pilastri: ambjent regolatorju prevedibbli u simplifikat, li jħaffef l-aċċess għall-finanzi, itejjeb il-ħiliet, u jiftaħ il-kummerċ għal ktajjen tal-provvista reżiljenti. Fis-16 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ħarġet ukoll il-Komunikazzjoni, *Il-kompetittività fit-tul tal-UE: Inħarsu lil hinn mill-2030*⁵, strutturata fuq disa' muturi li jsaħħu lil xulxin bil-għan li ssir ħidma lejn qafas regolatorju li jsaħħaħ it-tkabbir. Hija tistabbilixxi prijoritajiet ta' politika mmirati biex jiżguraw b'mod attiv titjib strutturali, investimenti ffukati tajjeb u miżuri regolatorji għall-kompetittività fit-tul tal-UE u l-Istati Membri tagħha. Ir-rakkomandazzjonijiet ta' hawn taħt jgħinu biex jiġu indirizzati dawk il-prijoritajiet.
- (5) Fl-2023, is-Semestru Ewropew għall-koordinazzjoni tal-politika ekonomika qed ikompli jevolvi f'konformità mal-implimentazzjoni tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. L-implimentazzjoni sħiħa tal-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza tibqa' essenzjali għat-twettiq tal-prijoritajiet ta' politika taħt is-Semestru Ewropew, billi l-pjanijiet jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż kollha jew subsetti sinifikanti minnhom maħruġa f'dawn l-aħħar snin. Ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż tal-2019, l-2020 u l-2022 jibqgħu ugwalment rilevanti wkoll għall-pjanijiet

⁴ COM(2023) 62 final.

⁵ COM(2023) 168 final.

għall-irkupru u r-reżiljenza riveduti, aġġornati jew emendati f'konformità mal-Artikoli 14, 18 u 21 tar-Regolament (UE) 2021/241.

- (6) Ir-Regolament REPowerEU⁶ adottat fis-27 ta' Frar 2023 għandu l-għan li jelimina malajr id-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-fjuwils fossili Russi. Dan se jikkontribwixxi għas-sigurtà tal-enerġija u d-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-UE, filwaqt li jżid l-użu tal-enerġija rinnovabbli, il-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika. Ir-Regolament jippermetti lill-Istati Membri jżidu kapitolu ġdid tar-REPowerEU mal-pjanijiet nazzjonali tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza sabiex jiffinanzjaw riformi u investimenti ewlenin li se jgħinu biex jintlaħqu l-oġettivi tar-REPowerEU. Dawn se jgħinu wkoll biex tingħata spinta lill-kompetittività tal-industrija b'emissjonijiet żero netti tal-UE kif deskritt fil-Pjan Industrijali tal-Patt Ekoloġiku għal Żmien l-Emissjonijiet Żero Netti u se jindirizzaw ir-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż relatati mal-enerġija maħruġa lill-Istati Membri fl-2022 u, fejn applikabbli, fl-2023. Ir-Regolament REPowerEU jintroduċi kategorija ġdida ta' appoġġ finanzjarju mhux ripagabbli, li ssir disponibbli għall-Istati Membri biex jiffinanzjaw riformi u investimenti ġodda relatati mal-enerġija skont il-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza.
- (7) Fit-8 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni adottat komunikazzjoni li tipprovdi gwida għall-politika fiskali għall-2024. Hija għandha l-għan li tappoġġa t-tnejn tal-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tal-Istati Membri u b'hekk issaħħaħ il-koordinazzjoni tal-politika⁷. Il-Kummissjoni fakkret li l-klawżola liberatorja ġenerali tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir se tiġi diżattivata fi tmiem l-2023. Hija appellat għal politiki fiskali fl-2023-2024 li jiżguraw is-sostenibbiltà tad-dejn fuq terminu medju kif ukoll iżidu t-tkabbir potenzjali b'mod sostenibbli. L-Istati Membri ġew mistiedna jistabbilixxu fil-programmi ta' stabbiltà u konverġenza tagħhom tal-2023 kif il-pjanijiet fiskali tagħhom se jiżguraw li l-valur ta' referenza tad-defiċit ta' 3 % tal-PDG jiġi rispettata kif ukoll it-tnaqqis plawżibbli u kontinwu tad-dejn, jew biex id-dejn jinżamm f'livelli prudenti fit-terminu medju. Il-Kummissjoni stiednet lill-Istati Membri jeliminaw gradwalment il-miżuri fiskali nazzjonali introdotti biex jiproteġu lill-unitajiet domestiċi u lid-ditti mix-xokk tal-prezz tal-enerġija, u jibdew bl-inqas miżuri mmirati. Hija indikat li, jekk ikun meħtieġ li l-miżuri ta' appoġġ jiġu estiżi minħabba pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija mġedda, jenħtieġ li l-Istati Membri jimmiraw tali miżuri ħafna aħjar milli fil-passat lejn unitajiet domestiċi u ditti vulnerabbli. Il-Kummissjoni pproponiet li r-rakkomandazzjonijiet fiskali jkunu kwantifikati u differenzjati u fformulati fuq il-bażi tan-nefqa primarja netta, kif propost fil-Komunikazzjoni tagħha dwar l-orjentazzjonijiet għal riforma tal-qafas tal-governanza ekonomika tal-UE⁸. Hija rrakkomandat li l-Istati Membri kollha jenħtieġ li jkomplu jiproteġu l-investiment iffinanzjat fil-livell nazzjonali u jiżguraw l-użu effettiv tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u ta' fondi oħra tal-UE, b'mod partikolari fid-dawl tal-oġettivi tat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali u tar-reżiljenza. Il-Kummissjoni indikat li se tipproponi lill-Kunsill biex jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa tal-2024 fuq il-bażi tad-*data* tal-eżitu għall-2023, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali eżistenti.

⁶ Ir-Regolament (UE) 2023/435 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Frar 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2021/241 fir-rigward tal-kapitolu REPowerEU fil-pjanijiet għall-irkupru u r-reżiljenza u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1303/2013, (UE) 2021/1060 u (UE) 2021/1755, u d-Direttiva 2003/87/KE (ĠU L 63, 28.2.2023, p. 1).

⁷ COM(2023) 141 final.

⁸ COM(2022) 583 final.

- (8) Fis-26 ta' April 2023, il-Kummissjoni ppreżentat proposti leġiżlattivi biex timplimenta riforma komprensiva tar-regoli ta' governanza ekonomika tal-UE. L-objettiv ċentrali tal-proposti huwa li tissaħħaħ is-sostenibbiltà tad-dejn pubbliku u li jiġi promoss it-kabbir sostenibbli u inklużiv fl-Istati Membri kollha permezz ta' riformi u investimenti. Il-proposti għandhom l-għan li jipprovdu lill-Istati Membri b'aktar kontroll fuq it-tfassil tal-pjanijiet tagħhom fuq terminu medju, filwaqt li jstabbilixxu reġim ta' infurzar aktar strett biex jiġi żgurat li l-Istati Membri jwettqu l-impenji meħuda fil-pjanijiet fiskali-strutturali tagħhom fuq terminu medju. L-objettiv huwa li tiġi konkluża l-ħidma leġiżlattiva fl-2023.
- (9) Fit-13 ta' Lulju 2021, Malta ppreżentat il-pjan nazzjonali tagħha għall-irkupru u r-reżiljenza lill-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 18(1) tar-Regolament (UE) 2021/241. Skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Kummissjoni vvalutat ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, f'konformità mal-linji gwida tal-valutazzjoni tal-Anness V ta' dak ir-Regolament. Fil-5 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni tiegħu dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta⁹. Ir-rilaxx tal-pagamenti parzjali jiddependi fuq deċiżjoni mill-Kummissjoni, meħuda f'konformità mal-Artikolu 24(5) tar-Regolament (UE) 2021/241, li Malta tkun laħqet b'mod sodisfaċenti l-istadji importanti u l-miri rilevanti stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill. It-twettiq sodisfaċenti jippresupponi li l-kisba tal-istadji importanti u l-miri preċedenti ma tkunx treggħet lura.
- (10) Fil-25 ta' April 2023, Malta ppreżentat il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tagħha tal-2023 u, fit-3 ta' Mejju 2023, il-Programm ta' Stabbiltà tagħha tal-2023, f'konformità mal-Artikolu 4(1) tar-Regolament (KE) Nru 1466/97. Biex jitqiesu l-konnessjonijiet ta' bejniethom, iż-żewġ programmi ġew ivvalutati flimkien. F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament (UE) 2021/241, il-Programm Nazzjonali ta' Riforma tal-2023 jirrifletti wkoll ir-rappurtar biannwali ta' Malta dwar il-progress li sar fil-kisba tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha.
- (11) Il-Kummissjoni ppubblikat ir-rapport tal-pajjiż tal-2023 għal Malta¹⁰ fl-24 ta' Mejju 2023. Huwa vvaluta l-progress ta' Malta fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż rilevanti adottati mill-Kunsill bejn l-2019 u l-2022 u ħa kont tal-implimentazzjoni ta' Malta tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza. Fuq il-bażi ta' din l-analiżi, ir-rapport tal-pajjiż identifika lakuni fir-rigward ta' dawk l-isfidi li mhumiex indirizzati jew li huma indirizzati biss parzjalment mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll sfidi ġodda u emerġenti. Huwa vvaluta wkoll il-progress ta' Malta fl-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u fil-kisba tal-miri ewlenin tal-UE dwar l-impjiegi, il-ħiliet u t-tnaqqis tal-faqar, kif ukoll il-progress fil-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-NU.
- (12) Fuq il-bażi ta' *data* vvalidata mill-Eurostat,¹¹ id-defiċit tal-gvern estiż ta' Malta naqas minn 7,8 % tal-PDG fl-2021 għal 5,8 % fl-2022, filwaqt li d-dejn tal-gvern estiż naqas minn 55,1 % tal-PDG fi tmiem l-2021 għal 53,4 % fi tmiem l-2022. Fl-24 ta' Mejju 2023, il-Kummissjoni ppubblikat rapport skont l-Artikolu 126(3) TFUE¹²; ir-rapport

⁹ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ottubru 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Malta (ST 11941/2021 INIT; ST 11941/2021 ADD 1).

¹⁰ SWD(2023) 618 final.

¹¹ Eurostat-Euro Indicators, 47/2023, 21.4.2023

¹² COM(2023) 631 final, 24.5.2023.

iddiskuta s-sitwazzjoni baġitarja ta' Malta, billi d-defiċit tal-gvern estiż tagħha fl-2022 qabeż il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG skont it-Trattat. Ir-rapport ikkonkluda li l-kriterju tad-defiċit ma ġiex issodisfat. F'konformità mal-Komunikazzjoni tat-8 ta' Marzu 2023,¹³ il-Kummissjoni ma pproponietx li tiftaħ proċeduri ġodda ta' defiċit eċċessiv fir-rebbiegħa 2023; min-naħa tagħha, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet se tipproponi lill-Kunsill biex jiftaħ proċeduri ta' defiċit eċċessiv ibbażati fuq id-defiċit fir-rebbiegħa 2024, fuq il-bażi tad-*data* tal-eżitu għall-2023. Malta jenħtieġ li tqis dan fl-eżekuzzjoni tal-baġit tagħha għall-2023 u fit-tnejn tal-Abbozz ta' Pjan Baġitarju għall-2024.

- (13) Il-bilanċ tal-gvern estiż intlaqat mill-miżuri ta' politika fiskali adottati biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Fl-2022, miżuri bħal dawn li jnaqqsu d-dħul kienu jinkludu tnaqqis fit-taxxi indiretti fuq il-konsum tal-enerġija, filwaqt li miżuri bħal dawn li jżidu l-infiq kienu jinkludu sussidji għall-produzzjoni tal-enerġija sabiex jikkompensaw għaż-żieda fil-prezzijiet tal-elettriku impurtat u tal-emissjonijiet tal-karbonju. Il-Kummissjoni tistma li l-kost baġitarju nett ta' dawn il-miżuri hija ta' 2,5 % tal-PDG fl-2022. Il-bilanċ tal-gvern estiż ġie affettwat ukoll mill-ispiża baġitarja tal-protezzjoni temporanja għall-persuni spostati mill-Ukrajna, li hija stmata għal 0,1 % tal-PDG fl-2022. Fl-istess ħin, l-ispiża stmata tal-miżuri temporanji ta' emerġenza tal-COVID-19 naqset għal 0,8 % tal-PDG fl-2022, minn 3,2 % fl-2021.
- (14) Fit-18 ta' Ġunju 2021, il-Kunsill irrakkomanda li fl-2022 Malta¹⁴ iżomm pożizzjoni fiskali ta' appoġġ, inkluż mill-impuls ipprovdut mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, u tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali.
- (15) Skont l-istimi tal-Kummissjoni, il-pożizzjoni fiskali¹⁵ fl-2022 kienet ġeneralment newtrali, fil-livell ta' - 0,2 % tal-PDG, kif irrakkomandat mill-Kunsill. Kif irrakkomandat mill-Kunsill, Malta kompliet tappoġġa l-irkupru b'investimenti li għandhom jiġu ffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-UE ammontat għal 0,9 % tal-PDG fl-2022 (1,1 % tal-PDG fl-2021). It-tnaqqis fin-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-UE fl-2022 kien dovut għal assorbiment aktar baxx ta' fondi oħra tal-UE. L-investment iffinanzjat nazzjonalment ipprovdta kontribuzzjoni restrittiva ta' 0,2 punti perċentwali għall-pożizzjoni fiskali¹⁶. Għalhekk, Malta ma ppreżervatx l-investment iffinanzjat nazzjonalment li ma kienx konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. Fl-istess ħin, it-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ġodda ta' dħul) ipprovdta kontribuzzjoni espansjonarja ta' 0,9 punt perċentwali għall-pożizzjoni fiskali. Madankollu, din il-kontribuzzjoni espansjonarja sinifikanti kienet tinkludi l-impatt addizzjonali tal-miżuri ta' politika fiskali biex

¹³ COM(2023) 141 final, 8.3.2023.

¹⁴ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2021 li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà tal-2021 ta' Malta, ĠU C 304, 29.7.2021, p. 83.

¹⁵ Il-pożizzjoni fiskali titkejjel bħala l-bidla fin-nefqa primarja (netta minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji), bl-esklużjoni tal-miżuri temporanji ta' emerġenza relatati mal-kriżi tal-COVID-19 iżda inkluża n-nefqa ffinanzjata minn appoġġ (għotjiet) mhux ripagabbli mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-UE, meta mqabbla mat-tkabbir potenzjali fuq terminu medju. Għal aktar dettalji ara l-Kaxxa 1 fit-Tabelli Statistiċi Fiskali.

¹⁶ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment ipprovdiet kontribuzzjoni restrittiva ta' 0,3 punt perċentwali tal-PDG.

jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija (kost baġitarju nett addizzjonali ta' 1,9 % tal-PDG), kif ukoll l-ispejjeż biex tiġi offruta protezzjoni temporanja lill-persuni spostati mill-Ukrajna (0,1 % tal-PDG). Għalhekk, Malta żammet biżżejjed taħt kontroll it-tkabbir fin-nefqa kurrenti ffinanzjata nazzjonalment.

- (16) Ix-xenarju makroekonomiku li jirfed il-proġettazzjonijiet baġitarji fil-Programm ta' Stabbiltà huwa realistiku fl-2023 u minn hemm 'il quddiem. Il-Gvern jipproġetta li l-PDG reali jikber b'4,1 % fl-2023 u b'4,5 % fl-2024. B'paragun ma' dan, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipproġetta tkabbir tal-PDG reali aktar baxx ta' 3,9 % fl-2023 u 4,1 % fl-2024, prinċipalment minħabba kontribuzzjoni aktar baxxa tal-esportazzjonijiet netti għat-tkabbir.
- (17) Fil-Programm ta' Stabbiltà tiegħu tal-2023, il-gvern jistenna li l-proporzjon tad-defiċit tal-gvern estiż se jonqos għal 5,0 % tal-PDG fl-2023. It-tnaqqis fl-2023 jirrifletti l-aktar iż-żieda fi dħul ieħor, inkluż ir-rikavat mill-iskemi taċ-ċittadinanza u r-residenza tal-investituri filwaqt li t-tnaqqis fis-sussidji, inkluża l-eliminazzjoni gradwali mistennija tal-ispejjeż tar-ristrutturar tal-linja tal-ajru nazzjonali, huwa kkompensat parzjalment minn żieda fil-konsum intermedju u fil-formazzjoni grossa tal-kapital fiss. Skont il-Programm, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied minn 53,4 % fi tmiem l-2022 għal 54,5 % fi tmiem l-2023. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipproġetta defiċit tal-gvern ta' 5,1 % tal-PDG għall-2023. Dan huwa konformi mad-defiċit ipproġettat fil-Programm ta' Stabbiltà. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipproġetta proporzjon simili tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż, ta' 54,8 % fi tmiem l-2023.
- (18) Il-bilanċ tal-gvern fl-2023 huwa mistenni li jkompli jiġi affettwat mill-miżuri fiskali adottati biex jittaffa l-impatt ekonomiku u soċjali taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija. Dawn jikkonsistu f'miżuri estiżi mill-2022 b'mod partikolari fi tnaqqis fit-taxxi indiretti fuq il-konsum tal-enerġija u sussidji għall-produzzjoni tal-enerġija biex jikkompensaw għaż-żieda fil-prezz tal-elettriku importat u l-emissjonijiet tal-karbonju. Il-kost baġitarju nett tal-miżuri ta' appoġġ huwa pproġettat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 1,7 % tal-PDG fl-2023¹⁷. Il-miżuri fl-2023 ma jidhrux li huma mmirati lejn l-unitajiet domestiċi jew id-ditti l-aktar vulnerabbli, u ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika. B'riżultat ta' dan, l-ammont ta' miżuri ta' appoġġ immirati, li għandhom jitqiesu fil-valutazzjoni tal-konformità mar-rakkomandazzjoni għall-2023, huwa stmat fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni għal 0,1 % tal-PDG fl-2023 (meta mqabbel maż-0,1 % tal-PDG fl-2022). Fl-aħħar nett, il-bilanċ tal-gvern tal-2023 huwa mistenni li jibbenefika mit-tneħħija gradwali tal-miżuri temporanji ta' emerġenza tal-COVID-19 ta' 0,8 % tal-PDG.
- (19) Fit-12 ta' Lulju 2022, il-Kunsill irrakkomanda¹⁸ li Malta tieħu azzjoni biex fl-2023 tiżgura li t-tkabbir tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fil-livell nazzjonali jkun konformi ma' pożizzjoni ta' politika ġenerali newtrali¹⁹, filwaqt li titqies it-tkomplija

¹⁷ Iċ-ċifra tirrappreżenta l-livell tal-ispiża baġitarja annwali ta' dawk il-miżuri, inklużi d-dħul u n-nefqa kurrenti kif ukoll – fejn rilevanti – il-miżuri tan-nefqa kapitali.

¹⁸ Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2022 dwar il-Programm Nazzjonali ta' Riforma ta' Malta u li tagħti opinjoni tal-Kunsill dwar il-Programm ta' Stabbiltà ta' Malta għall-2022 ĠU C 334, 1.9.2022, p. 146.

¹⁹ Fuq il-bażi tat-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni, it-tkabbir potenzjali tal-output fuq terminu medju (medja ta' 10 snin) tal-Pajjiż, li jintuża biex titkejjel il-pożizzjoni fiskali, huwa stmat għal 9,5 % f'termini nominali.

tal-appoġġ temporanju u mmirat għall-unitajiet domestiċi u d-ditti l-aktar vulnerabbli għaż-żidiet fil-prezzijiet tal-enerġija u għan-nies li qed jaħarbu mill-Ukrajna. Malta għandha tkun lesta li taġġusta l-infiq attwali għas-sitwazzjoni li qed tevolvi. Malta ġiet irrakkomandata wkoll li tespandi l-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija filwaqt li tqis l-inizjattiva REPowerEU, inkluż billi taġġmel użu mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-Unjoni.

- (20) Fl-2023, il-pożizzjoni fiskali hija pproġettata fit-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni li tkun restrittiva (+ 0,4 % tal-PDG), f'kuntest ta' inflazzjoni għolja. Dan isegwi pożizzjoni fiskali ġeneralment newtrali fl-2022 (- 0,2 % tal-PDG). It-tkabbir fin-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali (nett minn miżuri ta' dħul diskrezzjonarji) fl-2023 huwa pproġettat li jipprovdi kontribuzzjoni restrittiva ta' 0,8 % tal-PDG għall-pożizzjoni fiskali. Fil-qosor, it-tkabbir ipproġettat tan-nefqa kurrenti primarja ffinanzjata fuq livell nazzjonali huwa konformi mar-rakkomandazzjoni tal-Kunsill. In-nefqa ffinanzjata mill-għotjiet tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u minn fondi oħra tal-UE kienet tammonta għal 1,6 % tal-PDG fl-2023, filwaqt li l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali pprovda kontribuzzjoni restrittiva għall-pożizzjoni fiskali ta' 0,3 punt perċentwali²⁰. Għalhekk, Malta qed tippjana li tiffinanzja investment addizzjonali permezz tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-UE, iżda mhijiex ipproġettata li tippreserva l-investment iffinanzjat fil-livell nazzjonali. Hija tippjana li tiffinanzja l-investment pubbliku għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali, u għas-sigurtà tal-enerġija, b'mod partikolari għar-rinnovazzjoni ta' bini privat u pubbliku inklużi sptarijiet u skejjet, l-elettrifikazzjoni tas-settur tat-trasport u proġetti relatati mad-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u tas-settur privat, li huma parzjalment iffinanzjati mill-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza u fondi oħra tal-UE.
- (21) Skont il-Programm ta' Stabbiltà, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 4,3 % tal-PDG fl-2024. It-tnaqqis fl-2024 jirrifletti prinċipalment it-tnaqqis tas-sussidji, inkluża t-tneħħija gradwali tal-iskemi ta' rtirar bikri tal-linja tal-ajru nazzjonali, u t-tkabbir limitat tal-kont tal-pagi u tan-nefqa tal-konsum intermedju kkumpensat parzjalment miż-żieda fin-nefqa tal-imgħax. Il-programm jistenna li l-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż jiżdied għal 55,7 % fi tmiem l-2024. Fuq il-bażi ta' miżuri ta' politika magħrufa fid-data tal-għeluq tat-tbassir, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipproġetta defiċit tal-gvern ta' 4,5 % tal-PDG fl-2024. Dan huwa konformi mad-defiċit ipproġettat fil-programm. It-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipproġetta proporzjon simili tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż ta' 56,1 % fi tmiem l-2024.
- (22) Il-Programm ta' Stabbiltà jipprevedi t-tneħħija gradwali ta' wħud mill-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fl-2024. Il-Kummissjoni bħalissa tassumi spiża netta tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija ta' 1,5 % tal-PDG. Dan jiddependi fuq is-suppożizzjoni li ma jkunx hemm żidiet ġodda fil-prezzijiet tal-enerġija. Il-biċċa l-kbira tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li bħalissa huma ppjanati li jibqgħu fis-seħħ fl-2024 ma jidhrux li huma mmirati lejn unitajiet domestiċi jew ditti vulnerabbli. Dawn ma jippreservawx bis-sħiħ is-sinjali tal-prezz biex titnaqqas id-domanda għall-enerġija u tiżdied l-effiċjenza enerġetika.

²⁰ Nefqa kapitali oħra ffinanzjata nazzjonalment hija pproġettata li ttiprovdi kontribuzzjoni newtrali ta' 0,0 punt perċentwali tal-PDG.

- (23) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97 jitlob titjib annwali fil-bilanċ tal-baġit strutturali lejn l-oġġettiv ta' terminu medju ta' 0,5 % tal-PDG bħala punt ta' riferiment²¹. Meta jitqiesu konsiderazzjonijiet ta' sostenibbiltà fiskali²² u l-ħtieġa li l-iżbilanċ jitnaqqas għal taħt il-valur ta' referenza ta' 3 % tal-PDG, ikun xieraq titjib fil-bilanċ strutturali ta' mill-inqas 0,5 % tal-PDG għall-2024. Sabiex jiġi żgurat tali titjib, it-tkabbir fin-nefqa primarja netta ffinanzjata fil-livell nazzjonali fl-2024 jenħtieġ li ma jaqbiżx il-5,9 %, kif rifles f'din ir-rakkomandazzjoni.
- Fl-istess ħin, il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija li jifdal (attwalment stmati mill-Kummissjoni għal 1,7 % tal-PDG fl-2023) jenħtieġ li jitneħħew gradwalment skont l-iżviluppi tas-suq tal-enerġija u b'bidu minn dawk l-inqas immirati, u l-iffrankar relatat jenħtieġ li jintuża biex jitnaqqas id-defiċit tal-gvern. Fuq il-bażi tal-istimi tal-Kummissjoni, dan iwassal għal tkabbir fin-nefqa primarja netta aktar baxx minn dak irrakkomandat għall-2024.
- (24) Jekk wieħed jassumi li l-politiki ma jinbidlux, it-tbassir tar-rebbiegħa 2023 tal-Kummissjoni jipproġetta li n-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment tikber bi 3,3 % fl-2024 li huwa taħt ir-rata ta' tkabbir rakkomandata. L-aġġustament previst fit-tbassir tal-Kummissjoni huwa inqas mill-iffrankar mit-tneħħija gradwali sħiħa tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija, li huwa dovut l-aktar għall-fatt li l-biċċa l-kbira ta' dawn il-miżuri baqgħu fis-seħħ.
- (25) Skont il-programm, l-investment tal-gvern huwa mistenni li jonqos minn 3,8 % tal-PDG fl-2023 għal 3,1 % tal-PDG fl-2024. L-investment aktar baxx jirrifletti investment anqas iffinanzjat fil-livell nazzjonali u mill-UE għajr il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza. Il-programm jirreferi għal riformi u investimenti, li huma mistennija jikkontribwixxu għas-sostenibbiltà fiskali u t-tkabbir sostenibbli u inklużiv. Dawn jinkludu investimenti b'valur miżjud għoli u riformi strutturali lejn it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi, diġitali u tal-enerġija inklużi s-saħħa u l-governanza, li huma wkoll parti mill-Pjan għall-Irkupru u r-Reżiljenza.
- (26) Il-Programm ta' Stabbiltà jiddeskrivi perkors fiskali fuq terminu medju sal-2026. Skont il-programm, id-defiċit tal-gvern estiż huwa mistenni li jonqos għal 3,6 % tal-PDG fl-2025 u għal 2,9 % sal-2026. Għalhekk, id-defiċit tal-gvern estiż huwa ppjanat li ma jaqbiżx it-3 % tal-PDG fl-2026. Skont il-programm, il-proporzjon tad-dejn għall-PDG tal-gvern estiż huwa mistenni li jiżdied minn 55,7 % fi tmiem l-2024 għal 56,1 % sa tmiem l-2026.
- (27) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (b) u l-kriterju 2.2 tal-Anness V tar-Regolament (UE) 2021/241, il-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza jinkludi sett estensiv ta' riformi u investimenti li jsaħħu lil xulxin li għandhom jiġu implimentati sal-2026. L-implimentazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza ta' Malta tinsab fi stadju avvanzat. Fit-8 ta' Marzu Malta ppreżentat talba waħda għal pagament, li tikkorrispondi għal 19-il stadju importanti u mira fil-pjan u li rriżultat fi żborż ġenerali ta' EUR 52,3 miljun (f'għotjiet). Fis-26 ta' April 2023, Malta ppreżentat emenda tal-

²¹ Ara l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97, li jirrikjedi wkoll aġġustament ta' aktar minn 0,5 % tal-PDG għall-Istati Membri b'dejn tal-gvern li jaqbeż is-60 % tal-PDG, jew b'riskji aktar evidenti għas-sostenibbiltà tad-dejn.

²² Il-Kummissjoni stmat li Malta jkollha bżonn żieda annwali medja fil-bilanċ strutturali primarju bħala sehem tal-PDG ta' 0,3 punt perċentwali biex tikseb tnaqqis plawżibbli tad-dejn jew tiżgura li d-dejn tal-gvern jinżamm f'livelli prudenti fit-terminu medju. Din l-istima kienet ibbażata fuq it-tbassir tal-ħarifa 2022 tal-Kummissjoni. Il-punt tat-tluq għal din l-istima kien id-defiċit u d-dejn ipproġettati tal-gvern għall-2024.

pjan tagħha, flimkien mal-Kapitolu REPowerEU. Il-Kapitolu REPowerEU li għadu kif ġie propost huwa mistenni li jindirizza l-isfidi relatati mal-provvista u s-sigurtà tal-enerġija, u li jħaffef it-tranżizzjoni lejn sorsi tal-enerġija rinnovabbli. Barra minn hekk, Malta qed tippromovi xi modifiki għall-pjan oriġinali fid-dawl tat-tnaqqis fl-allokkazzjoni totali u biex taġġusta għal ċirkostanzi oġġettivi. Dawn l-emendi bħalissa qed jiġu vvalutati mill-Kummissjoni u, ladarba jiġu adottati, imbagħad ikunu soġġetti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. L-inklużjoni rapida tal-kapitolu l-ġdid tar-REPowerEU fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza se tippermetti li jiġu ffinanzjati riformi u investimenti addizzjonali b'appoġġ għall-oġġettivi strateġiċi ta' Malta fil-qasam tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika. L-involviment sistematiku u effettiv tal-awtoritajiet lokali u reġjonali, tas-sħab soċjali u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra jibqa' importanti għall-implimentazzjoni b'suċċess tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, kif ukoll ta' politiki ekonomiċi u tal-impjiegi oħra li jmorru lil hinn mill-pjan, biex tiġi żgurata sjieda wiesgħa tal-aġenda ta' politika ġenerali.

- (28) Il-Kummissjoni approvat id-dokumenti kollha ta' programmazzjoni tal-politika ta' koeżjoni ta' Malta fl-2022. It-tkomplija tal-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni b'komplementarjetà u sinerġija mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, inkluż il-Kapitolu REPowerEU, hija kruċjali biex tinkiseb it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, tiżdied ir-reżiljenza ekonomika u soċjali kif ukoll jinkiseb żvilupp territorjali bbilanċjat f'Malta.
- (29) Lil hinn mill-isfidi ekonomiċi u soċjali indirizzati mill-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza, Malta qed tiffaċċja għadd ta' sfidi addizzjonali relatati mal-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa li jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, il-politika tal-enerġija u t-tranżizzjoni ekoloġika.
- (30) L-indirizzar tal-ippjanar aggressiv tat-taxxa jibqa' kruċjali biex jittejbu l-effiċjenza u l-ġustizzja tas-sistemi tat-taxxa. Fid-dawl tal-effetti konsegwenzjali ta' strateġiji ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa bejn l-Istati Membri, azzjoni koordinata biex tikkomplementa l-leġiżlazzjoni tal-UE permezz ta' politiki nazzjonali mill-Istati Membri kollha hija ta' importanza kbira. Malta ħadet passi biex tindirizza l-prattiki ta' ppjanar aggressiv tat-taxxa billi implimentat inizjattivi internazzjonali u Ewropej maqbuli preċedentement. Malta timpenja ruħha wkoll li tindirizza l-kwistjoni fil-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha. L-impenji biex jiġu introdotti regoli dwar l-ipprezzar tat-trasferimenti u biex jiġi kkummissjonat studju indipendenti dwar il-pagamenti 'l barra u 'l ġewwa (jiġifieri bejn residenti tal-UE u residenti ta' pajjiżi terzi), li għandu jiġi segwit minn leġiżlazzjoni f'konformità mas-sejbiet tal-istudju, jippuntaw fid-direzzjoni t-tajba. Madankollu, sakemm it-taxxi minn ras l-għajn fuq il-pagamenti tal-imgħax, tad-dividendi u tar-royalties magħmula minn kumpaniji bbażati f'Malta lil ġurisdizzjonijiet b'rata żero u b'rata baxxa ta' taxxa (b'dan maħsuba li tfisser kwalunkwe ġurisdizzjoni b'rata tat-taxxa korporattiva statutorja ta' inqas minn 9 %, l-aktar rata tat-taxxa korporattiva statutorja baxxa fl-UE), jew miżuri difensivi ekwivalenti, jiġu applikati minn Malta – biex jiġi żgurat li d-ditti ma jkunux jistgħu jittrasferixxu l-profitti tagħhom mhux intaxxati lejn pajjiżi terzi, ir-riskji ta' nontassazzjoni doppja ta' dawn il-profitti jibqgħu għoljin. Barra minn hekk, it-trattament ta' kumpaniji mhux domiċiljati residenti għadu joħloq riskju ta' nontassazzjoni doppja kemm għall-kumpaniji kif ukoll għall-individwi. Il-kwistjoni se tiġi indirizzata parzjalment biss permezz tal-konformità mad-Direttiva tal-UE dwar it-Taxxa Minima, li se tapplika biss għal korporazzjonijiet kbar ladarba tiġi implimentata minn Malta.

- (31) Il-fjuwils fossili għad għandhom rwol ewlieni fl-ekonomija ta' Malta, u dan jagħmilha dipendenti ħafna fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija u esposta għall-iżviluppi fil-prezzijiet globali, għalkemm il-pajjiż ma jimportax direttament żejt jew gass mir-Russja. Fl-2021, il-fjuwils fossili kienu jikkostitwixxu l-bieċa l-kbira tal-ġenerazzjoni tal-elettriku ta' Malta, filwaqt li s-sorsi ta' enerġija rinnovabbli kienu jammontaw għal 11,9 % biss. Malta għandha potenzjal imdaqqas tal-enerġija solari u mir-riħ lil hinn mill-kosta, li mhux qed jintuża. L-impenn tal-gvern li jadotta teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fil-futur kif ukoll li jindika s-sehem mhux vinkolanti tiegħu għall-miri rinnovabbli offshore tal-UE, huwa bidla pożittiva fil-politika, iżda għad iridu jiġu identifikati proġetti konkreti. Il-kapaċità u l-flessibilità tal-grilja tal-elettriku huma ostaklu għall-integrazzjoni tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli u għaż-żieda tal-effiċjenza, l-affidabilità u s-sigurtà tal-provvista tal-enerġija. Dan jeħtieġ investiment fil-modernizzazzjoni tal-grilja, inkluż mill-baġit tal-għotjiet tar-REPowerEU ta' Malta. Malta qed ittejjeb is-sigurtà tal-provvista tal-enerġija tagħha billi tibni t-tieni interkonnettur tal-elettriku mal-Italja.
- (32) Il-kontribut ta' Malta għall-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-UE għall-2030 huwa baxx u l-konsum tal-enerġija f'bini residenzjali qed ikompli jiżdied. Malta tista' żżid il-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u tnaqqas id-domanda għall-enerġija billi: tinkoraġġixxi l-installazzjoni ta' pannelli solari fuq il-binjiet ġodda kollha; tiżgura l-użu ta' installazzjonijiet tal-enerġija solari xierqa fuq il-bini pubbliku u mhux residenzjali għdid kollu b'erja utli tal-art ta' aktar minn 250 m²; tindirizza l-ostakli legali, u tipprovdi inċentivi ekonomiċi addizzjonali lis-sidien tad-djar. L-użu tat-teknoloġija diġitali, bħal applikazzjonijiet għall-monitoraġġ u r-regolamentazzjoni tal-użu tal-enerġija, jista' jgħin biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika. L-implimentazzjoni effettiva tal-qafas regolatorju nazzjonali l-għdid għall-industrija tal-kostruzzjoni żżid il-kwalità (inkluża l-effiċjenza enerġetika) tal-bini u s-sikurezza tal-proċess tal-kostruzzjoni. Il-konsum tal-gass naturali ta' Malta żdied bi 12,7 % fil-perjodu bejn Awwissu 2022 u Marzu 2023, meta mqabbel mal-konsum medju tal-gass matul l-istess perjodu fl-aħħar 5 snin, b'xejra opposta għall-mira ta' tnaqqis ta' 15 %. Minkejja l-eżenzjoni mogħtija lil Malta, Malta hija mħeġġa ssaħħaħ l-isforzi biex tnaqqas temporanjament id-domanda għall-gass sal-31 ta' Marzu 2024²³.
- (33) Barra minn hekk, fid-dawl tad-dipendenza sostnuta fuq il-karozzi privati, l-emissjonijiet tat-trasport bit-triq qed ikomplu jikbru, u b'hekk jiffurmaw l-akbar sors ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra li ma jaqgħux fl-ETS ta' Malta. Is-sehem ta' vetturi b'emissjonijiet żero huwa ħafna aktar baxx mill-medja tal-UE u qed jiżdied bil-mod ħafna. It-tnaqqis tal-emissjonijiet u tal-konġestjoni tat-traffiku jkun jeħtieġ li Malta ttejjeb it-trasport pubbliku (puntwalità, tnaqqis fil-ħin tal-vjaġġ), tuża sistemi ta' trasport intelliġenti (biex ittejjeb il-flussi tat-traffiku, is-sikurezza u l-infurzar tar-regoli tat-traffiku), u tinvesti f'infrastruttura ta' "mobilità mhux motorizzata" għal alternattivi sikuri għall-użu tal-karozzi privati (bħal bankini sikuri, segregati u interkonnessi u rotot taċ-ċikliżmu/tal-iscooters elettriċi).
- (34) In-nuqqas ta' ħaddiema u ħiliet fis-setturi u l-okkupazzjonijiet ewlenin għat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi l-manifattura, l-iskjerament u l-manutenzjoni ta' teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti, qed joħolqu ostakli fit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'emissjonijiet żero netti. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja li jirrispondu għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol li qed jinbidlu u miżuri mmirati

²³ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/1369.

ta' titjib tal-ħiliet u taħriġ mill-ġdid huma kruċjali biex jitnaqqas in-nuqqas ta' ħiliet u jiġu promossi l-inklużjoni u r-riallokazzjoni tax-xogħol. Biex tiġi sfruttata l-provvista tax-xogħol mhux sfruttata, dawn il-miżuri jeħtieġ li jkunu aċċessibbli, b'mod partikolari għall-individwi u fis-setturi u r-reġjuni l-aktar affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika. Fl-2022, ġew irrapportati nuqqasijiet ta' ħaddiema f'Malta għal sitt okkupazzjonijiet li kienu jeħtieġu ħiliet jew għarfien speċifiċi għat-tranżizzjoni ekoloġika, inklużi l-ħaddiema tal-manifattura u l-ħaddiema tal-kostruzzjoni.

- (35) Fid-dawl tal-valutazzjoni tal-Kummissjoni, il-Kunsill eżamina l-Programm ta' Stabbiltà tal-2023 u l-opinjoni tiegħu²⁴ hija riflessa fir-Rakkomandazzjoni (1) hawn taħt.
- (36) Fid-dawl tal-interkonnessjonijiet mill-qrib bejn l-ekonomiji tal-Istati Membri taż-Żona tal-Euro u l-kontribut kollettiv tagħhom għall-funzjonament tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja, il-Kunsill irrakkomanda li l-Istati Membri taż-Żona tal-Euro jieħdu azzjoni, inkluż permezz tal-pjanijiet tagħhom għall-irkupru u r-reżiljenza, biex (i) jippreservaw is-sostenibbiltà tad-dejn u joqogħdu lura minn appoġġ fuq bażi wiesgħa għad-domanda aggregata fl-2023, jimmiraw aħjar il-miżuri fiskali meħuda biex itaffu l-impatt tal-prezzijiet għoljin tal-enerġija u jirriflettu dwar modi xierqa biex inaqqsu l-appoġġ hekk kif jonqsu l-pressjonijiet tal-prezzijiet tal-enerġija; (ii) isostnu investiment pubbliku għoli u jippromwovu l-investiment privat biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali; (iii) jappoġġaw l-iżviluppi fil-pagi li jtaffu t-telf fil-kapaċità tal-akkwist filwaqt li jillimitaw l-effetti sekondarji fuq l-inflazzjoni, ikomplu jtejbu l-politiki attivi tas-suq tax-xogħol u jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet; (iv) itejbu l-ambjent tan-negozju u jiżguraw li l-appoġġ għall-enerġija lill-kumpaniji jkun kosteffettiv, temporanju, immirat lejn ditti vijabbli u li jżomm l-inċentivi għat-tranżizzjoni ekoloġika; u (v) jippreservaw l-istabbiltà makrofinanzjarja u jimmonitorjaw ir-riskji filwaqt li jkomplu jaħdmu fuq it-tlestija tal-Unjoni Bankarja. Għal Malta, ir-Rakkomandazzjonijiet (1), (2), (3) u (4) jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' Rakkomandazzjoni għaż-Żona tal-Euro.

B'DAN JIRRAKKOMANDA li Malta tiegħu azzjoni fl-2023 u l-2024 biex:

1. Tnaqqas gradwalment il-miżuri ta' appoġġ għall-enerġija fis-seħħ sa tmiem l-2023, u tuża l-iffrankar relatat biex tnaqqas id-defiċit tal-gvern. Jekk iż-żidiet imġedda fil-prezzijiet tal-enerġija jkunu jeħtieġu miżuri ta' appoġġ, tiżgura li dawn ikunu mmirati lejn il-protezzjoni tal-unitajiet domestiċi u d-ditti vulnerabbli, ikunu fiskalment affordabbli, u jippreservaw l-inċentivi għall-iffrankar tal-enerġija.

Tiżgura politika fiskali prudenti, b'mod partikolari billi tillimita ż-żieda nominali fin-nefqa primarja netta ffinanzjata nazzjonalment fl-2024 għal mhux aktar minn 5,9 %.

Tippreserva l-investiment pubbliku ffinanzjat fil-livell nazzjonali u tiżgura l-assorbiment effettiv tal-għotjiet tal-RRF u fondi oħra tal-UE, b'mod partikolari biex trawwem it-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali.

Għall-perjodu lil hinn mill-2024, tkompli ssegwi strateġija fiskali fuq terminu medju ta' konsolidazzjoni gradwali u sostenibbli, flimkien ma' investimenti u riformi li

²⁴

Skont l-Artikoli 5(2) u 9(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1466/97.

jwasslu għal tkabbir sostenibbli oġġla, biex tikseb pożizzjoni fiskali prudenti fuq terminu medju.

2. Tkompli l-implimentazzjoni kostanti tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza tagħha u tiffinalizza malajr l-addendum, inkluż il-Kapitolu REPowerEU, bil-ħsieb li tibda l-implimentazzjoni tiegħu b'mod rapidu. Tkompli l-implimentazzjoni rapida tal-programmi tal-politika ta' koeżjoni, f'komplementarjetà u sinerġija mill-qrib mal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza.
3. Tindirizza b'mod effettiv il-karatteristiċi tas-sistema tat-taxxa li jistgħu jiffaċilitaw l-ippjanar aggressiv tat-taxxa minn individwi u kumpaniji multinazzjonali, inkluż billi tiżgura tassazzjoni suffiċjenti ta' pagamenti 'l barra ta' imġax, royalties u dividendi, u temenda r-regoli għal kumpaniji mhux domiċiljati.
4. Tnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili billi taċċellera l-użu ta' sorsi ta' enerġija rinnovabbli, inkluż l-enerġija mir-riħ u mix-xemx lil hinn mill-kosta, u taġġorna u tespandi l-kapaċità tas-sistema tal-grilja tal-elettriku, inklużi t-trażmissjoni, id-distribuzzjoni u l-ħżin tal-batteriji. Tnaqqas id-domanda għall-enerġija permezz ta' effiċjenza enerġetika mtejba, b'mod partikolari fil-bini residenzjali. Tnaqqas l-emissjonijiet mit-trasport bit-triq billi tindirizza l-konġestjoni tat-traffiku permezz ta' kwalità mtejba tas-servizz fit-trasport pubbliku, sistemi ta' trasport intelliġenti u investiment fl-infrastruttura tal-“mobilità mhux motorizzata”. Iżżid l-isforzi ta' politika mmirati lejn il-forniment u l-akkwist tal-ħiliet meħtieġa għat-tranżizzjoni ekoloġika.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*